**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-JUNIOR LYCEUM 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **STORJA (ĠENERALI)** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem: ______________________________ Klassi: ___________________**

1. **Poġġi wara xulxin dawn li ġejjin billi tikteb in-numri 2 sa 6. In-numru 1 qiegħed jingħata bħala eżempju.**

| | |
|---|---|
| Is-Sette Giugno | |
| Il-Liberta` ta' l-Istampa | |
| Il-Kostituzzjoni ta' l-1813 | 1 |
| L-Għotja tas-Self-Govt (1921) | |
| Ir-Repubblika | |
| L-Indipendenza | |

(5 x 1 = 5 marki)

2. **Aqra sewwa dan il-paragrafu u wara wieġeb id-domandi kollha.**

Fl-1813, Malta saret kolonja tal-kuruna (crown colony) ta' l-Imperu Ingliż, u kienet immexxija minn Gvernatur li kellu l-poteri kollha u kien biss suġġett għall-kontroll tal-ministri Ingliżi f'Londra. Fl-1835 ngħatat kostituzzjoni oħra. Skond din il-Kostituzzjoni, il-Gvernatur kellu jingħata l-parir minn kunsill ta' seba' membri, kollha nominati. F'dan il-Kunsill kienu jiġu nominati biss tliet Maltin, iżda kienu jagħtu biss pariri u r-responsabbilta` finali kienet tal-Gvernatur.

*(Adattat minn Brian Blouet "The Story of Malta")*

2.1 Xi tfisser il-kelma 'kostituzzjoni'?

_______________________________________________ (2)

2.2 X' kienet ir-rabta ta' Malta ma' l-Ingilterra matul is-seklu XIX (19)?

_______________________________________________ (1)

2.3(i) Wara li taqra dan il-paragrafu, taħseb li l-Maltin kienu kuntenti sa barra bit-tmexxija Ingliża? _______________________________________ (1)

2.3(ii) Agħti żewġ raġunijiet biex issaħħaħ ir-risposta tiegħek.

____________________________________________________________ (2)

____________________________________________________________ (2)

2.4 Għaliex il-Kostituzzjoni li ngħatat fl-1849 kienet aħjar minn dik ta' qabilha?

____________________________________________________________ (2)

(10 marki)

**3. Aqra sewwa din is-silta kollha u wara wieġeb id-domandi kollha.**

Il-Victoria Lines huma sensiela ta' fortifikazzjonijiet li għandhom tul ta' 12-il kilometru. Huma nbnew mill-Gvern Ingliż bejn l-1870 u l-1899. Jikkonsistu f'numru ta' fortizzi prinċipali, batteriji u ħitan biex warajhom jistkennew is-suldati li jgħaqqduhom ilkoll flimkien minn kosta għal kosta jiġifieri minn Baħar iċ-Ċagħaq fil-Lvant sa Fomm ir-Riħ ħdejn l-Imġarr fil-Punent.
*(Adattat minn Malta Heritage, The Victoria Lines p 21)*

3.1(i) X' taħseb li kienet ir-raġuni għaliex il-Gvern Ingliż bena l-Victoria Lines?

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

3.1(ii) Għaliex l-għażla tal-post kienet tajba?

____________________________________________________________ (2)

3.2 X'kienet ir-raġuni għaliex issejħu 'Victoria Lines'?

____________________________________________________________ (2)

3.3 Fit-test li qrajt jingħad li kien hemm numru ta' fortizzi f'dawn il-linji. Semmi tnejn minnhom: __________________________(1) __________________________ (1)

3.4 Semmi raġuni waħda kif il-Maltin ibbenefikaw mill-bini ta' dawn il-linji?

____________________________________________________________ (2)

3.5 X'kienet ir-raġuni għala sa mill-bidu tas-seklu għoxrin ma kienx hemm aktar użu għal dawn il-linji? __________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

3.6(i) X' valur għandhom dawn il-linji llum? ________________________________ (1)

3.6(ii) X'inhu d-dmir tagħna lejhom illum? ________________________________ (1)

3.7 Liema tnejn minn dawn il-fortizzi nbnew mill-Ingliżi?

Il-Forti San Mikiel – Il-Fortizza ta' Tas-Sliema – Il-Fortizza Tigne` – It-Torri ta' l-Għallis – Il-Fortizza ta' Santu Rokku – Il-Fortizza Rikażli (2)

(16–il marka)

4. **Poġġi dawn l-avvenimenti wara xulxin billi tikteb in-numri 2 sa 6. In-numru 1, qiegħed jingħata bħala eżempju.**

| | |
|---|---|
| l-Edukazzjoni Primarja Obbligatorja | |
| Il-Kummissjoni Rjali (1836) | 1 |
| Il-ħatra tal-Kan. Pullicino bħala Direttur ta' l-Iskejjel | |
| Ir-Rapport ta' Keenan | |
| Il-ħatra ta' Sigismondo Savona bħala Direttur ta' l-Edukazzjoni | |
| Skola Sekondarja għal kulħadd | |

(5 x 1 = 5)

5.




**Ħares lejn din il-bolla u wara wieġeb id-domandi kollha.**

5.1 X'jissejjaħ il-mezz ta' trasport indikat f'din il-bolla? __________________ (1)

5.2 F'liema sena beda jaħdem u f'liema sena spiċċa? ___________(1) ___________(1)

5.3 Dan il-mezz ta' trasport kellu biss rotta waħda.
Għid fejn kien jibda ________________________(1)
u fejn kien jispiċċa __________________________(1)

5.4 X'effetti kellu d-dħul ta' dan il-mezz ta' trasport fuq il-ħajja tal-poplu Malti?
__________________________________________________________________________ (2)
__________________________________________________________________________ (2)

5.5 Liema mezz modern ta' trasport wassal għat-tmiem ta' dan il-mezz ta' trasport indikat fil-bolla? __________________________________________________________________ (1)

5.6 Agħti żewġ raġunijiet għaliex matul is-seklu XX kien hawn diversi epidemiji hawn Malta?
__________________________________________________________________________ (2)
__________________________________________________________________________ (2)

(14–il marka)

6.1 Semmi raġuni waħda għaliex il-Maltin kienu jemigraw fis-seklu dsatax?

______________________________________________________________________ (1)

6.2(i) Semmi żewg postijiet fil-Mediterran fejn emigraw il-Maltin fis-seklu dsatax?

____________________________(1) ______________________________(1)

6.2(ii) Agħti raġuni għaliex l-emigrazzjoni Maltija fis-seklu XIX kienet l-iżjed lejn il-pajjiżi tal-Mediterran? ____________________________________________________________ (2)

6.3(i) Semmi tliet postijiet fejn l-iżjed emigraw il-Maltin wara t-Tieni Gwerra Dinjija?

______________________(1) ______________________(1) ______________________(1)

6.3(ii) Kif għen il-Gvern Malti fil-proċess ta' l-emigrazzjoni?

______________________________________________________________________ (1)

______________________________________________________________________ (1)

6.4 Semmi żewġ effetti ta' l-emigrazzjoni fuq pajjiżna?

______________________________________________________________________ (1)

______________________________________________________________________ (1)

6.5 X'wassal biex it-Tlett Ibliet tal-Kottonera tbattlu min-nies bejn l-1940 u l-1943?

______________________________________________________________________ (2)

6.6 X'ikkawża t-tluq ta' ħafna nies mill-Belt Valletta matul l-aħħar tletin sena?

______________________________________________________________________ (1)

(15–il marka)

**7. Aqra sewwa din is-silta, u wara wieġeb id-domandi kollha.**

L-Ingliżi wirtu tarzna żgħira mill-Ordni fix-xatt tal-Birgu, u għamlu użu minnha għal xi snin. Fl-1844 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-baċir fix-xatt ta' Bormla, li beda jissejjaħ 'Dockyard Creek'. Dan il-baċir infetaħ fl-1848. Ftit wara saru pjanijiet biex jinbnew baċiri simili, biex ilaħħqu max-xogħol dejjem jiżdied ta' tiswijiet tal-flotta Ingliża. Għal dan il-għan l-Ingliżi ħadu f'idejhom il-Bajja tal-Franċiżi, bejn l-Isla u Kordin, u hemmhekk bnew baċir kbir 'Somerset Dock' li tlesta fl-1871.

*(Adatat minn Brian Blouet "The Story of Malta")*

7.1 Għaliex kien importanti ħafna li l-Ingliżi jkollhom tarzna tajba f'Malta?

______________________________________________________________________ (2)

7.2 Għaliex it-Tarzna kienet għajn ta' ġid għall-Maltin?

______________________________________________________________________ (2)

7.3 Semmi żewġ postijiet li ttieħdu mill-Inglizi biex ikabbru t-Tarzna?

_____________________________(1) _____________________________(1)

7.4(i) It-Tarzna kienet parti kbira mill-istruttura ekonomika li kellha Malta matul il-parti l-kbira tal-ħakma Ingliża. X' kienet tissejjaħ din l-istruttura ekonomika? ___________________(2)

7.4(ii) Spjega x'kienet tfisser eżatt din l-istruttura ekonomika? __________________________

__________________________________________________________________________ (2)

7.4(iii) Għaliex din l-istruttura ekonomika kellha titbiddel mal-medda taż-żmien?

__________________________________________________________________________ (2)

7.4(iv) Fuqhiex hija mibnija l-ekonomija Maltija llum?

________________________(1) ______________________(1) ____________________(1)

(15–il marka)

**8. Ikteb komponiment fuq waħda minn dawn li ġejjin:**

8.1 Bejn l-1850 u l-1946 sar progress kbir fil-qasam ta' l-edukazzjoni f'Malta. Iddiskuti.

8.2 Matul iż-żmien il-poplu Malti kellu l-festi, id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tiegħu. Ikkummenta.

8.3 L-istruttura ekonomika preżenti li ħadet post dik ta' qabilha nbniet matul l-aħħar 40 sena.

8.4 Il-perjodu 1856 – 1940 ra titjib kbir fl-iżvilupp tal-mezzi tat-trasport fil-gżejjer Maltin, kemm fuq l-art u kemm fuq il-baħar. Ikkummenta.

(20 marka)